MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' April, 2010

Numru 330/2010

Il-Pulizija
(Spettur Geoffrey Azzopardi)

vs

Adel S. A. Abulahbas

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' passaport Libyan numru 440372, akkuzat talli fit-23 ta' Marzu 2009 u fix-xhur ta' wara f'San Giljan sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi document mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz, bi ksur ta' l-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-artikolu rilevanti tal-Kap 9 huwa l-Artikolu 188.

Issa, mill-istqarrija tal-akkuzat, esebita in atti, jirrizultaw fatti li ghandhom u sejrin jittiehdu in konsiderazzjoni mill-Qorti fl-ghoti tal-piena stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu.

Konsegwentement, tiddikjarah hati fuq ammissjoni tieghu tal-akkuza migjuba kontra tieghu. Rat l-Artikolu 188 tal-Kap 9 u tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' sitt xhur mill-lum sakemm l-akkuzat ma jikkommettiex reat iehor f'dan il-perjodu.

Il-Qorti fehmet lill-akkuzat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------